**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 298/01**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Simon Galea)**
**(Sp. Dennis Theuma)**

**vs**

**Joseph Cauchi ta' 52 sena, iben Emanuel**
**u Antonia xebba Hili, mwieled Tarxien, fit-12**
**ta' April 1949, u joqghod 504, Busietta Gardens,**
**Madliena, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**
**372049 (M)**

**Illum 5 ta' Lulju, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Cauchi li gie akkuzat talli fil-15 ta' Marzu, 2001 f'Busietta Gardens, Madliena, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema ammont ta' hsara jammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm 50), izda ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm 500), ghad-detriment ta' Paul Caruana.

Aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Paul Caruana ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk ikun ipprovokat, jingurja b'mod li johrog barra mil-limit tal-provokazzjoni.

Aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f'dagha.

Aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Paul Caruana kif iccertifikat Dr Julian Mamo MD.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti tal-kawza.

Semgeht ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi mix-xhieda prodotti jirrizulta li din il-kawza ghandha bhala bazi taghha sigra li nqalghet minn postha, minn Paul Caruana, sigra li kien jiehu hsiebha l-akkuzat, minghajr permess ta' l-istess akkuzat.

Kien hemm zewg xhieda okulari ta' din il-glieda l-ahwa Bonnici, anzi precizament kien wiehed minnhom biss, Agostino Bonnici li ra l-imsemmija glieda. Pero' dan ix-xhud ma kienx preciz min inizzjaha din il-glieda, ta l-impressjoni fix-xhieda tieghu li fil-fatt l-akkuzat u l-vittma qabdu f'xulxin kontemporanjament, mhux wiehed irreagixxa ghar-reazzjoni ta' l-iehor.

Id-difiza ssollevat ukoll il-punt li l-vittma ghazel li ma jixhidx ghalhekk ma gie qatt stabilit min krealu l-griehi allegat fl-akkuza (oltre ghan-nuqqas ta' kwerela). Lanqas ma gie kkonfermat mill-vittma l-fatt li hu kien biss liebes nuccali tax-xemx u wisq anqas l-ircevuta ta' l-istess nuccali esebita Dok SG3. Anke f'dan il-kaz in vista ta' l-ammont pretiz bhala dannu ma gietx konferamata d-debita kwerela (artikolu 325 Kap 9).

Ghaldaqstant in vista tal-premess il-Qorti tqis li ebda wahda ma giet pruvata u qed tillibera lil Joseph Cauchi mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.